**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 513/2019 AGV;**
**AB bhala mandatarju specjali tal-imsiefer CB (ID: 514592M)**
**Vs**
**DE (ID nru: 364383M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB bhala mandatarju specjali tal-imsiefer CB (ID : 514592M)** tal-11 ta' Novembru 2019, fejn ppermetta u pprezenta is-segwenti;

1. Illi l-kontendenti CB u DE izzewgu f' Malta nhar l- 20 ta' Dicembru 2014, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 101/2015 (certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A);
2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet ma kellomx tfal;

3. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Christine Abela tal- 1 ta' Settembru 2015, kopja awtentika tal-istess qed tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok B;
4. Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;
5. Illi kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok C, DB, jiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi l-esponenti nomine jiddikjara li skont il-kuntratt minnhom iffirmat ma kellu jithallas ebda manteniment minn parti wahda versu l-parti l-ohra;
7. Illi ghaldaqstant ir-rekwizit kollha stabbiliti mil-Ligi biex jinghata d-divorzju jinsabu sodisfatti;
8. Ghaldaqstant l-esponent nomine jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronuznja id-divorzju ta' bejn CB u DE u tiddikjara iz-zwieg taghhomn mahlul ai termini tal-artikoli 66 A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-kontedenti, biex dan jigi debitament registrat fir-registru pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhirlha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta guramentata ta' DE datata 7 ta' Jannar 2020, fejn esponiet bir-rispett:

**1.** Illi huwa minnu li l-partijiet izzewwgu Malta fl- 20 ta' Dicembru 2014, u li minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
**2.** Illi huwa minnu li l-partijiet huma legalment separati b' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Christine Abela fl- 1 ta' Settembru 2015;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenvoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar 4 snin illum ghandhom hajja totalament separata minn xulxin;
4. Illi skont l-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni l-ebda manteniment huwa dovut;
5. Illi ghalhekk hija tikkonferma li l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti;
6. Ghaldaqstant, l-esponent taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u hija ukoll titlob li dina l-Onorabbli Qorti, tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fl-istess Registru Pubbliku u jsiru dak l-annotazzjonijiet necessarji.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu ghall-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**